MSIDA

**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 37/K7/2015 |
| Data: | It-Tlieta 27 ta' Ottubru 2015 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | Il-laqgħa bdiet fis-17:45 |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Maurice Agius (M Agius)<br>Sur Matthew Agius (Matt Agius) 18:20<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Emanuel Brincat<br>Sna Romina Galea |
| | Skużati | Dr. Alex Sciberras<br>Sur Alan Abela Wadge |
| | Chairman KAS | Sur Matthew Mangion 18:13 |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | | Sur Christopher Cutajar |

Is-Sindku qalet talba lil San Ġużepp fil-bidu tal-laqgħa.

Il-Viċi Sindku talab li jkun skużat qabel il-laqgħa minħabba mpennji ta' xogħol li nqalgħu mingħajr mistenni. Is-Sur Alan Abela Wadge talab li jkun skużat minħabba mpennji ta' studju (Ara 'DOK A' anness). Il-Kunsillieri preżenti laqgħu t-talbiet tagħhom.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1721 Is-Sindku proponiet l-approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 36/K7/2015 imtella' nhar it-13 ta' Ottubru 2015. Is-Sur M Agius issekondaha. Il-minuti ġew approvati unanimament.

## 2. Materji mill-Minuti

Ma tqajmet ebda materja mill-minuti.

## 3. Korrispondenza

Ma tqajmet ebda materja relatata mal-korrispondenza.

## 4. Ħlasijiet

1722 Is-Sindku proponiet li l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 10/10/2015 sa 23/10/15 (Ara 'DOK B' anness) tiġi approvata. Is-Sur E Brincat issekondaha. L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

## 5. Kumitat Amministrattiv Swatar

Is-Sur M Mangion daħal fil-kamra fis-18:13.

1723 Ġie diskuss sabiex jinbidlu pilastri tal-konkos li qed iżommu railing fi Triq Indri Grima. Is-Sur C Selvaggi qal li kien hemm l-għajdut li parti taħt dak il-belvedere se tkun qed tinbena. Is-Segretarju se jiċċekkja mal-MEPA dwar dan. Il-fondi ser ikunu allokati mill-Kumitat Amministrattiv Swatar. Jista' jkun esplorat li jsir użu mill-Fond għall-Iżvilupp Urban tal-MEPA. Il-Kunsill iddeċieda li jsiru mill-Kuntrattur attwali. Is-Sur M Mangion qabel dwar dan.

1724 Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ kwotazzjoni rigward il-fence tal-bandli tas-Swatar li jinsab fi Triq Mons. Arthuro Bonnici c/w Triq G Calleja. Fid-dokument għandu jintalab sample tal-fence. Is-Sur M Mangion qabel dwar dan.

Is-Sur Matthew Agius daħal fil-kamra fis-18:20.

1725 Is-Sur C Selvaggi tkellem dwar il-problema ta' għargħar fi Triq il-Ġostra. Is-Sur E Brincat qal li l-proprjetajiet in kwestjoni qegħdin taħt il-livell tat-triq. Is-Sur M Mangion qal li bejn meta kien hemm it-triq mhix asfaltata u wara li ġiet asfaltata, il-proprjetajiet żgur li ġew koperti iktar mill-problema tal-għargħar fil-proprjetajiet. Is-Sur C Selvaggi qal li hemm dar fil-kantuniera li ilha tbati bi problema. Se ssir laqgħa mal-Perit fuq il-post in kwestjoni.

1726 Is-Sur C Selvaggi qal li fuq *double yellow lines* li saru fi Triq Mons Innoċenz Zammit qed isir parkeġġ ta' gabbana tal-imqaret. Hemm bżonn li jibqgħu isiru rapporti lill-Pulizija biex jitneħħa.

1727 Is-Sur C Selvaggi tkellem dwar problema fi Triq Balliu Gutenberg. Hemm problema bl-interpretazzjoni ta' taħt liema lokalita' taqa' din it-triq. Is-Sindku se tkun qed tiċċekkja.

Is-Sur L Bartolo ħareġ mill-kamra fis-18:40.

## 6. Komunikazzjoni minn laqgħat li saru

1728 Is-Sur E Brincat preżenta rapport ta' laqgħat li kellu (ara 'DOK Ċ' anness). Preżenta wkoll lista ta' nuqqasijiet fix-xogħol, li rċieva minn għand il-Perit Julian Borg (ara 'DOK D anness).

1729 Dwar il-*pedestrian crossing* fejn l-Għassa tal-Pulizija, wara li Transport Malta aċċettat li tkun imressqa iktar 'l fuq, il-Kunsill qabel li jsir dan, suġġett għal laqgħa fuq il-post qabel ma jitwettqu x-xogħolijiet.

1730 Is-Sindku talbet lis-Segretarju jħejji ittra lir-residenti dwar xogħol li se jsir fuq il-bankini, sabiex ikunu avżati minn qabel.

1731 Is-Sur E Brincat qal li attenda għal laqgħa mas-Sindku, dwar l-attivatijiet studenteski fil-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela, mal-Prinċipal tal-Kulleġġ. Spjega li ġewwa l-Kulleġġ ikun hemm l-attivitajiet studenteski wkoll. Is-Sur Matt Agius qal li l-permessi li jingħataw ġewwa jingħataw b'ħafna restrizzjonijiet. Fisser li huwa għalhekk li jkun hemm talbiet fuq il-bankina, fuq barra tal-entratura tal-Kulleġġ.

1732 Is-Sur C Selvaggi għamel żewġ laqgħat dwar il-Korsijiet tal-*First Aid*. Tar-*Red Cross* offra seba' korsijiet b'xejn. Il-kors jiswa' EUR 34 kull persuna u jdum 14-il siegħa. Filwaqt li *St. Bernards'* joffri korsijiet ta' tmien sigħat bi prezz ta' EUR 35. Propona li kull assoċjazzjoni fl-iMsida għandha tkun offruta post wieħed. Is-Segretarju se jkun qed jikkuntattja l-għaqdiet.

## 7. Proġett Kunsill Lokali Żgħażagħ

1733 Is-Sindku qalet li kien hemm nuqqas fix-xogħlijiet hekk kif mal-faċċati tal-monument forma ta' kubu telgħu bżieżaq li imbagħad inqasmu. Il-kuntrattur kien intalab li jirranġah u sa issa għadu ma rranġahx. Is-Sra R Galea qalet li d-data tal-għeluq tal-proġett ġiet imġedda minħabba din il-kumplikazzjoni. Il-kuntrattur għandu pressat biex isewwi. Jekk f'ġimgħa ma jirregolax il-pożizzjoni tiegħu għandu jkun hemm ittra bl-avukat.

1734 Is-Sra R Galea qalet li l-KLŻ propona proġett ma' Aġenzija Żgħażagħ li l-għan tiegħu huwa li jitwasslu messaġġi edukattivi permezz tar-reklamar fuq l-*advertising boards*.

## 8. Reġjun Ċentru

1735 Is-Sindku qalet li hemm bżonn isir kont kurrenti abbinat mal-kont *savings* li l-Kunsill għandu fir-rigward tar-Reġjun Ċentru. Kien hemm qbil ġenerali

dwar dan. Is-Sindku spjegat li l-fondi allokati mir-Reġjun iridu jintużaw għall-fini ta' proġetti u r-riċevuti jkunu preżentati f'kull każ.

## 9. Bandli

1736 Is-Sur E Brincat semma' xogħol meħtieġ fil-bandli li jinsab fil-Pjazza l-5 ta' Ottubru (Ara 'DOK E' anness). Il-Kunsill qabel li tinħareġ kwotazzjoni f'dan ir-rigward.

## 10. Ġbir ta' Skart Riċiklabbli

1737 Is-Sindku spjegat li fil-preżent qed ikunu mħallsa 5939 ewro fis-sena biex jinkrew il-*bins* tal-*bring in sites (BIS)*. Biex jinġabru separatament mill-GreenPak, il-Kunsill ingħata stima ta' 80 ewro, kull vjaġġ, għal kull materjal miġbur. Is-Sur M Agius qal li wasal għal arranġament li mill-1 tas-sena 2016 il-Greenpak jassorbu ħames *BIS* u għalhekk eventwalment jitneħħew żewġ BIS mis-Swatar. Is-Sur E Brincat qal li għandu jkun iċċarat it-tindif tal-madwar minn min għandu jsir. Għandu jkun iffirmat ftehim bejn il-partijiet li jirregola dan. Is-Sur Matt Agius qal li huwa pożittiv dak li ġie nnegozjat. Kien hemm qbil dwar dan il-ftehim.

1738 Is-Sur Matt Agius qal li l-Kunsill kien ġie mwiegħed li jekk titnaqqas ġurnata mill-borża s-sewda, jibqa' jinġabar l-istess ammont ta' skart riċiklat. Is-Sur Matt Agius qal li rriżulta li l-ammont tal-iskart imħallat miġbur żdied. Il-Kunsill għandu jara kemm jista' jiswa' s-servizz biex terġa' tkun introdotta ġurnata oħra għall-borża l-ħadra. Qal ukoll li għandha ssir talba mal-Ministeru kkonċernat.

Is-Sur Matt Agius ħareġ mill-kamra 19:52.

1739 Is-Sur Selvaggi qal li l-arranġament tal-ġbir tal-iskart mill-Bring in Sites m'għandux ikun marbut mal-ftehim tal-ġbir tal-iskart fil-borża l-ħadra.

Is-Sur M Mangion ħareġ mill-kamra 20:16.

Is-Sur L Bartolo daħal lura fil-kamra 20:16.

## 11. Ilmenti u talbiet lill-Kunsill

1740 Is-Sur M Agius preżenta ritratti ta' rampi ħdejn fi Triq Dr. R Naudi; Un/Loading Bay quddiem Triq Mons. Dandria; Karozzi tal-kumpanija li tikri l-karozzi, Avis, fi Pjazza l-5 ta' Ottubru. Dwar din tal-aħħar is-Sindku proponiet li jsir passaġġ bil-bollards biex ma jipparkjawx biswit it-*traffic lights*.

1741 Is-Sindku proponiet li l-impjegata Gemma Cassar tingħata żieda fis-salarju, skont il-liġi, issa li għalqet sena fl-impjieg. Il-Kunsill qabel li jsir dan.

1742 Is-Sindku ressqet talba tal-klabb tal-futbol Msida St Joseph, sabiex issir Carwash nhar is-Sibt 7 ta' Novembru 2015 fejn il-Monument tal-Pjazza l-5 ta' Ottubru. Il-Kunsill laqa' din it-talba mingħajr oġġezzjoni.

1743 Is-Sindku ressqet it-talba annessa u mmarkata bħala 'DOK F' li saret minn M Space ta' Triq Oscar Zammit k/m Triq Misraħ il-Barrieri, għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera preżenti ma sabux oġġezzjoni li jingħata tali permess.

Is-Sur E Brincat ħareġ mill-kamra fit-20:25.

1744 Is-Sur M Agius saqsa dwar minuta 1719 li hija relatata ma' *yellow hedge* f'salib it-toroq bejn Triq C De Brockdorff u Triq l-Isqof Caruana. Is-Sindku qalet li din għadha ma saritx.

1745 Is-Sindku semmiet li fejn il-ġnien il-qadim l-Għaqda tas-Sajjieda talbet li l-elettriku tal-CCTV jkun provdut mill-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti qablu, suġġett għall-kundizzjoni li meta l-Kunsill ikun jeħtieġ il-*footage*, dan jingħatalu.

## 12. Affarijiet oħra

1746 Is-Sur L Bartolo talab li tintbagħat ittra dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart, lir-residenti ta' Triq Johnny Catania, in-naħa t'isfel.

1747 Is-Sur C Selvaggi kellu laqgħa mal-iskola ddedikata għal persuni b'diżabilita', li se titmexxa minn *Lino Spiteri Foundation*. Kien hemm qbil li s-Sur Selvaggi jżomm kuntatt magħhom f'dan l-istadju, filwaqt li jgħarraf lis-Sindku u lis-Segretarju bl-iżviluppi.

## 13. Aġġornament

1748 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2015 fil-17:30.

Tmiem: 20:40 hrs

Minuti approvati llum ____________________________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Christopher Cutajar
Aġent Segretarju Eżekuttiv